VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,953, 10 ta' Awwissu, 2012
Taqsima B

A.L. 267 tal-2012

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.71

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "ċurkett magħluq", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċurkett magħluq" tfisser ċurkett jew faxxa f'ċirku kontinwu, mingħajr ebda qsim jew tgħaqqid, li ma kienx imbagħbas b'xi mod, ta' daqs li ma jistax jitneħħa mill-għasfur meta siequ tkun kibret għal kollox wara li jkun ġie applikat fl-ewwel ġranet tal-ħajja tal-għasfur u li kien immanifatturat kummerċjalment għal dak il-għan, liema ċurkett ikun ġie aprovat mid-Direttur;"; u

(b) minflok it-tifsira "għasfur imrobbi fil-maqful", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "għasfur imrobbi fil-maqful" tfisser għasfur li faqqas u trabba minn ġenituri f'ambjent kontrollat mill-bniedem u li jkun ġie mmarkat permezz ta' ċurkett

VERŻJONI ELETTRONIKA

magħluq bil-ħjatat ma jidhrux, jew, meta d-Direttur ikun sodisfatt li dan il-metodu ta' mmarkar mhuwiex adatt minħabba fil-kwalitajiet fiżiċi jew ta' mġiba tal-għasfur, permezz ta' *microchip transponder* innumerat b'mod uniku, li ma jistax jinbidel u li jkun konformi mal-I*standards* tal-ISO 11784:1996 (E) u 11785:1996 (E).